MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 427/2012

Fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1006/11 fl-ismijiet:

**MARKET HANDLE LIMITED**

vs

**FAHRENHEIT FREIGHT FORWARDERS COMPANY LIMITED** (C-17421) u Elaine Sant Galea

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mis-sekwestrati eżekutati Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited u Elaine Sant Galea fit-30 ta' April, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li (i) l-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi, maħruġ kontrihom fuq talba tal-kumpannija intimata Market Handle Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "l-eżekutanti") fil-25 ta' Lulju, 2011, jitħassar għal kollox għaliex l-ammont mitlub fil-mandat ma huwiex *prima facie* ġustifikat jew huwa eċċessiv; (ii) talbu wkoll biex, bla ħsara għall-ewwel talba u a tenur tal-artikoli 836(8)(d) u 836(9) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssib li l-ħruġ tal-imsemmi Mandat li l-ammont pretiż huwa fieragħ u vessatorju u tordna t-tħassir għal kollox jew f'biċċa minnu tal-istess Mandat; u (iii) talbu li, f'każ li l-Qorti ma ssibx li hemm raġuni tajba biex tħassar il-Mandat, għallanqas torbot lill-eżekutanti bl-għoti ta' garanzija fiż-żmien minnha stabilit, għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-imsemmi Kodiċi, fin-nuqqas ta' liema għoti ta' garanzija l-Mandat jaqa';

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Mejju, 2012, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutanti u tatha żmien kif irid l-artikolu 836(3) tal-Kap 12 biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha dwar it-talbiet tar-rikorrenti eżekutati;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2012[1], li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrenti eżekutati f'rikors tagħhom tat-18 ta' Mejju, 2012, ordnat li jsiru l-bidliet mitluba fir-rikors promotur u n-notifika tal-eżekutanti bl-atti kif mibdula;

Rat li n-notifika tal-eżekutanti seħħet biss wara li r-rikorrenti kellhom jinqdew bil-proċedura maħsuba fl-artikolu 187(3) u (5) tal-Kap 12, għan-notifika bil-mezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni;

Rat in-Nota mressqa mill-eżekutanti fit-3 ta' Diċembru, 2012, li biha u għar-raġunijiet hemm estensivament imsemmija, laqgħet għat-talbiet tar-rikorrenti eżekutati billi, b'mod preliminari, qalet li l-ewwel żewġ talbiet tagħhom

---

[1] Paġ. 14 tal-atti

saru għalxejn minħabba li l-Mandat minnhom attakkat kien diġa' tħassar bil-ħruġ tal-Kontro-Mandat relattiv u dan il-fatt jolqot kemm it-talbiet kif saru u kif ukoll ir-rimedji li l-Qorti ntalbet tagħti. Laqgħet ukoll b'sottomissjonijiet fil-mertu dwar kull waħda mill-argumenti tal-eżekutati;

Rat l-atti tal-Mandat u x-xhieda u l-provi dokumentali mressqa mill-partijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrenti eżekutati jridu jneħħu minn fuqhom għal kollox l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li l-eżekutanti ħarġet kontrihom fil-25 ta' Lulju, 2011. Il-Mandat inħareġ dwar kreditu pretiż ta' erba' mija u ħamsin elf euro (€ 450,000) fuq il-kawżali li s-somma tirrappreżenta "ammont likwidat għall-finijiet ta' dan il-mandat u rappreżentanti d-danni ikkaġunati mis-sekwestrati, il-kumpannija Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited u Elaine Galea Sant, jew min minnhom, lill-kumpannija sekwestranti, meta wara li s-sekwestrati jew min minnhom assumew l-obbligi ta' kunsinnatarji fl-atti tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 1674/2010 fl-ismijiet *Alfa Company Limited vs Market Handle Limited*, u assumew ir-responsabbiltajiet kollha ta' kunsinnatarju skond il-liġi fosthom il-ħarsien u ż-żamma tajba ta' l-oġġetti maqbuda u elevati, naqsu milli jħarsu tali oġġetti tant illi huma ma żammewx l-oġġetti fil-post fejn kienu obbligati jżommuhom skond id-degriet ta' dina l-Onorabbli Qorti u inoltre dawn l-oġġetti ġew nieqsa jew insterqu. L-ammont ta' danni likwidat ai finijiet ta' dan il-mandat jinkludi mhux biss l-ammont jew il-valur tal-oġġetti li ġew nieqsa jew misruqa, iżda wkoll it-telf ta' xogħol u informazzjoni u "*data*" illi kienet miżmuma fuq il-"*computers*" u apparat elettroniku li ġie nieqes jew misruq minn idejn is-sekwestrati kif ukoll it-telf ta' profitt konsegwenzjali. Il-pretensjoni relattiva qiegħda tiġi dedotta fil-mertu permezz t' rikors maħluf ippreżentat

kontestwalment". Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, u ġie notifikat lil seba' (7) sekwestratarji, ħamsa minnhom banek kummerċjali;

Illi fis-27 ta' Lulju, 2011, l-eżekutati ressqu Ċedola ta' Depożitu quddiem din il-Qorti, li magħha kien hemm mehmuża garanzija bankarja maħruġa minn wieħed mill-Banek sekwestratarji għall-ammont ta' € 460,000 biex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-eżekutanti fil-Mandat mertu ta' din il-proċedura;

Illi dak inhar ukoll, u bis-saħħa tal-imsemmija Ċedola u garanzija bankarja, l-eżekutati talbu u kisbu l-ħruġ ta' Kontro-Mandat[2] dwar l-istess imsemmi Mandat;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali relattivi għall-każ, jibda biex jingħad li l-Qorti trid tqis it-talbiet li ressqulha l-eżekutati fil-parametri li huma għażlu li jressquhom. Dan qiegħed jingħad għaliex l-**ewwel żewġ talbiet** jitolbu li l-Qorti tħassar il-Mandat kawtelatorju maħruġ kontrihom. Min-naħa l-oħra, intwera mill-atti li l-Mandat kien ġie mħassar żmien qabel ma l-eżekutati ressqu r-rikors tal-lum u dan fuq talba tagħhom infushom wara li iddepożitaw garanzija bankarja b'Ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti;

Illi għalhekk, f'dan il-każ, ikun jgħodd l-artikiolu 836(7) tal-Kap 12, li r-rikorrenti eżekutati bl-ebda mod ma semmew fil-premessi jew imqar fit-talbiet tagħhom. Dan ifisser ukoll – kif tajjeb ikkummentat l-eżekutanti fin-Nota tagħha – li l-firxa ta' rimedji li l-Qorti tista' tagħti hija limitata b'dak li tipprovdi dik l-istess dispożizzjoni tal-liġi[3]. Minn kliem il-liġi, din il-Qorti jifdlilha s-setgħa li (a) tistħarreġ jekk kemm-il darba l-Mandat setax jinħareġ jew le, jew (b) li tista' tordna t-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija, jew (ċ) li ssib li l-att kawtelatorju huwa kontra l-liġi u għalhekk tordna r-radd lura lill-parti eżekutata tal-garanzija li tkun ressqet biex tkun kisbet it-tħassir tal-Mandat permezz tal-Kontro-Mandat;

[2] K/Mand. Nru. 1017/11, Dok "MHLX1", f'paġġ. 36 – 44 tal-atti
[3] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***

Illi minn dan jidher li huwa evidenti li, f'każ fejn il-Qorti ssib li l-Mandat ma messux sar jew li l-ħruġ tiegħu sar kontra l-liġi, allura jekk kemm-il darba tkun tressqet garanzija xierqa biex seta' jinħareġ il-Kontro-Mandat opportun, il-Qorti tista' tordna li l-garanzija hekk imressqa tingħata lura lill-intimat eżekutat bħala effett loġiku ta' dak is-sejbien. Iżda ladarba l-Mandat ikun tħassar bil-ħruġ tal-Kontro-Mandat, il-Qorti ma jifdilhiex setgħa li tħassar dak li jkun diġa' mħassar b'mod ieħor. Jidher ukoll li, sabiex il-Qorti tistħarreġ jekk kemm-il darba l-Mandat kawtelatorju kienx sata' jinħareġ jew le jew biex tistħarreġ jekk l-istess Mandat huwiex kontra l-liġi, għandhom jintużaw il-kriterji maħsuba fid-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-istess artikolu 836 u dispożizzjonijiet ġenerali li l-liġi tipprovdi dwar is-siwi tal-Mandati;

Illi, biex ikun ingħad kollox, ir-rikorrenti eżekutati lanqas ressqu xi talba għat-tnaqqis tal-garanzija bankarja li huma nfushom ippreżentaw huma meta talbu l-ħruġ tal-Kontro-Mandat, u għalhekk hawnhekk ukoll idejn il-Qorti huma marbuta b'dak li ntalab minnhom;

Illi, fit-tieni talba tagħhom, r-rikorrenti eżekutati jirreferu għall-artikoli 836(8) u 836(9) tal-Kap 12 u jitolbu li, fuq il-bażi tagħhom, il-Qorti tordna t-tħassir tal-mandat kollu jew f'biċċa minnu. Hawn ukoll il-Qorti ssib li dik it-talba ma tistax tintlaqa' għaliex illiġi taħt l-ebda waħda miż-żewġ dispożizzjonijiet ma tissanzjona t-tħassir tal-Mandat. Taħt l-ewwel dispożizzjoni, r-rimedju mogħti huwa l-kundanna tal-parti li tkun ħarġet Mandat b'mod abbużiv għall-ħlas ta' penali; filwaqt li taħt it-tieni dispożizzjoni ir-rimedju mogħti (u dan irid jittieħed b'azzjoni speċifika u mhux f'rikors li jitlob it-tħassir tal-Mandat);

Illi għalhekk, safejn l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti eżekutati jitolbu li din il-Qorti tħassar il-Mandat għal kollox jew f'biċċa minnu, il-mertu ta' dawn it-talbiet huwa llum eżawrit u l-Qorti m'hijiex sejra tipprovdi dwarhom;

Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ **it-tielet talba tar-rikorrenti eżekutati** u jiġifieri dik trid li l-Qorti torbot lill-eżekutanti bl-

għoti ta' garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni u mgħax u li, fin-nuqqas ta' l-għoti ta' tali garanzija fiż-żmien mogħti, it-tħassir tal-Mandat[4];

Illi l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu partikolari tal-liġi huwa wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ. Fil-każ tal-lum, għalhekk, ladarba l-Mandat ta' Sekwestru kien ilu x-xhur li tħassar qabel ma l-eżekutati ressqu dan ir-rikors tagħhom il-liġi ma tagħtix li din il-Qorti tipprovdi għall-kundanna tal-eżekutanti tal-għoti tal-garanzija msemmija;

Għaldaqstant, lanqas it-tielet talba tar-rikorrenti eżekutanti ma tista' tintlaqa' billi hija irritwali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti eżekutati billi:

**Tastjeni milli tqis l-ewwel żewġ talbiet** tagħhom ladarba l-Mandat mertu tal-każ kien tħassar bil-ħruġ tar-relattiv Kontro-Mandat qabel ma nbdiet din il-proċedura;

**Tiċħad it-tielet talba** tagħhom għaliex ir-rimedju tal-għoti tal-garanzija taħt l-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jingħata biss fejn il-Mandat kawtelatorju jkun għadu fis-seħħ u mhux ukoll fejn Mandat ikun tħassar b'Kontro-Mandat; u

**Tordna** li r-rikorrenti eżekutati jħallsu l-**ispejjeż** marbuta ma' din il-proċedura.

Mogħti kameralment illum, 21 ta' Diċembru, 2012.

---

[4] Art. 838A tal-Kap 12

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------